Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 25

It- Tnejn 22 ta' Ġunju 2026

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-9.00am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Anthony Barbaro Sant- Kunsillier
Maryann Sultana- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-9.06pm

**25.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

25.1.1 Is SE infurma lil Kunsill li l- Kunsilliera Camille Scerri ma setatx tattendi peress li kienet tinsab indisposta. Il-Kunsill aċċetta t-talba tagħha.

**25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

25.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- Minuti tal- Erba' u Għoxrin Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

25.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**25.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

25.3.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li hekk kif inbidel il-Ministru responsabbli mit- Turizmu fejn kien hemm commitment mill-Ministeru ta'qabel li jitranġa Howard Gardens u fejn għal raġuni li peress li kien hemm Elezzjoni Ġenerali fejn il-boardijet maħturin mill-Gvern Ċentrali jridu jirrizenjaw u jerġa jinħatar board ieħor li kien approva dan il-proġett għalissa, sakem ikun hemm zviluppi ġodda, dan il-proġett ta' tisbiħ huwa wieqaf.

25.3.2 Is- Sindku talab li ssir laqgħa mal-Perit li hekk kif bħala Kunsill ingħatajna l-fondi addizzjonali bħala parti mill-allokazzjoni annwali, jiġi diskuss l-ħruġ ta' sejħa għal offerti biex issir l-manutenzjoni meħtieġa fuq Casino Notabile li għandu tant bzonn. Waqt din il-laqgħa mal-Perit għandu jiġi diskuss ukoll id-dawl ġdid li għandu jsir f' Howard Gardens b'fondi mill-Planning Authority kif ukoll fuq x-xogħolijiet li ghandhom isiru mill-Public Works.

25.3.3 Is- Sindku talab li l-Kunsill japprova l-ħasil extra li jsir kull sena matul is-sajf ġewwa l-Mdina. Dan ser isir fix-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru 2026. Il-Kunsill approva.

25.3.4 Is- Sindku talab lil Kunsill jistgħux jinxtraw cigarette bins extra biex jitwaġġlu ġewwa l-Mdina. Il-Kunsill approva sa €500 eskluz il-VAT.

25.3.5 Is- Sindku tkellem fuq l-BBQ li jsir ta' kull sena fi Pjazza Mesquita b'rabta ma' Jum L-Mdina fejn issuġerixxa li dan isir l-Ġimgħa 28 ta' Awwissu 2026. Il-Kunsill appprova.

25.3.6 Is- Sindku tkellem fuq l-attivita'li jmiss ta' Medieval Mdina li ser issir is-sena d-dieħla. Huwa qal li peress li s-sena d-dieħla ser tkun s-sena kulturali tar- Reġjun Punent, bħala Regjun talbu li tinstab weekend fejn ma jkunx hemm attivitajiet oħra għaddejjin u għalhekk bħala Reġjun kien qed jissuġerixxu li Medieval Mdina ssir bejn is- 17 u 18 ta' April 2026. Is- Sindku talab ukoll li għal din l-attivita' tinħareg sejha għal offerti għal Events Cultural Manager li ser jieħu ħsieb l-organizzazzjoni ta' din l-attivita'. Il-Kunsill approva.

25.3.7 Is- Sindku talab lis- SE biex għal laqgħa li jmiss tiġi diskussa l-problema tal-bollard privata li tinsab fi Triq Villegaignon u li qed tostakola t-triq għal vetturi kummerċjali li qed jgħaddu minn hemm.

**25.4 Rapport amminstrattiv 2025**

25.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport Amminstrattiv għas-sena 2025. Kopja ta' dan ir-rapport kien ntbgħat lil Kunsill għal kunsiderazzjoni tiegħu

25.4.2 Ir-rapport amminstrattiv għas-sena 2025 kien propost għall- approvazzjoni mis- Sindku li kien issekondat mill- Kunsilliera, is- Sna MA Sultana. Ir-rapport ġie approvat unanimament.

**25.5 Kwotazzjoni- Tibdil ta' cables ġewwa Howard Gardens b'rabta ma CCTVs**

25.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra kwotazzjoni b'rabta ma' xi tibdil ta' wiring konnessi ma CCTVs biex jiġu rranġati. Is- somma tal-kwotazzjoni tlaħħaq € 1529.Il-Kunsill approva.

**25.6 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

25.6.1 Mariette Borg- Talba biex kor jagħmel flashmob fi Pjazza San Pawl. Il-Kunsill approva.

25.6.2 Luana Camilleri- Talba lil-Kunsill biex waqt it-tieġ tagħha, tiġi akkumpanjata minn group ta' Scouts qabel u wara t-tieġ. Il-Kunsill japprova biss jekk dan issir biss fuq iz-zuntier tal-Knisja u mhux f'postijiet pubbliċi.

25.6.3 AKL- Laqgħa plenarja 2026. Il-Kunsill ħa nota tagħha.

25.6.4 Metropolitan Chapter Cathedral- Talba biex id-defribillator li tinstab fid-daħla tal-Kunsill tiġi riallokata fil-Muzew tal-Katidral. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni u ssir prezentazzjoni uffiċċjali.

**25.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

25.7.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tal- 22 ta' Ġunju 2026 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 19,725.88

25.7.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**24.9 Tmiem tal- Laqgħa**

24.9.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 10.06am u ġiet aġġornata għas- 17 ta' Lulju 2026 fid-9am.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___17 ta' Lulju 2026__